**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Josric Mifsud)**

**Vs**

**Terrence Scerri**

Kaz Numru: 477/15

Illum 22 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Terrence Scerri, ta' 31 sena, u detentur ta' karta tal-identita' 196684(M):

1. Akkuzat talli nhar is-26 ta' April 2015 ghall-habta ta' bejn id-9.30p.m u l-10.00pm, gewwa Triq il-Vitorja, Isla minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal persuna ta' Dylan D'Agostino u/jew persuna/i ohra, u kkagunalu griehi ta' natura gravi, skont ma ccertifika Dr Daniel Mckean MD, u dan bi ksur tal-artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Dylan D'Agostino kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tallum irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li nghata zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali tal-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz. Fuq kollox qeghda tistrieh ukoll fuq ix-xhieda tal-Ufficjal tal-

Probation li hejja social inquiry report li spjega li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna kemm minhabba anger management kif ukoll minhabba uzu okkazjonali ta' droga. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tqis li ghandha taghti l-opportunita' lill-imputat sabiex jircievi l-ghajnuna mehtiega u fl-istess hin ikun segwit minn professjonisti u ghalhekk se tpoggih taht ordni ta' probation. Inoltre' se tpoggih ukoll taht ordni ta' trattament.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 214, 216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lil Terrence Scerri taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin millum skont l-ordni moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-konfront tal-hati ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata ghajnuna kemm ghall-uzu ta' droga kif ukoll ghal anger management.

Inoltre a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali tieghu nnifsu ghaf favur ta' Dylan D'Agostino taht penali ta' €1,000 ghal zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jobdix id-direttivi tal-ufficjal tal-probation.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**